# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 6 t'April 2016**

**Kawza Numru :20**
**Rikors Numru : 94/2009 JPG**

**Francis Portelli (I.D. 986249M)**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana) u William Grech (I.D. 826255M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Francis Portelli tat-3 ta' Frar 2009 li jaqra hekk:

1. *"Illi c-caqliq liberu ta' merkanzija bejn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huwa wiehed mill-pilastri li fuqhom huwa mibni s-Suq Komuni tal-Unjoni Ewropea;*

2. *Illi t-Trattat tal-Komunita' Ewropea jipprovdi f'Artikolu 28 illi "restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull mizura li ghandha effett ekwivalenti ghandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri";*

3. *Illi dan il-principju japplika wkoll fil-konfront ta' merkanzija konsistenti f'prodotti ta' alkohol kif ukoll prodotti ta' tabakk, u dan nonostante li dawn il-prodotti jistghu jkunu soggetti ghal dazju tas-Sisa;*

4. *Illi l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Direttiva 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992, (id-"Direttiva"), irregolat il-hlas ta' dazju tas-sisa f'cirkustanzi fejn persuna tixtri prodotti ta' alkohol u/jew tabakk fi Stat Membru wiehed, ghall-uzu personali taghha fi Stat Membru iehor;*

5. *Illi skond id-Direttiva, meta alkohol jew tabakk jinxtara ghall-uzu personali, u jithallas dazju tas-sisa f'dak l-Istat Membru fejn isir ix-xiri, dik il-persuna ma tkunx obbligata li thallas dazju tas-sisa ulterjuri fl-Istat Membru fejn tkun dawn (sic) il-prodotti ghall-uzu personali propjru taghha. Fil-fatt, Artikolu 8 tad-Direttiva jipprovdi li:*

   *"Fir-rigward ta' prodotti akkwistati minn individwi privati ghall-uzu proprju taghhom u trasportati minnhom, il-principju li jirregola s-suq intern jipprovdi li d-dazju tas-sisa ghandu jkun dovut fl-Istat Membru li fih ikunu gew akkwistati.";*

6. *Illi d-Direttiva giet implimentata f'Malta permezz tal-Avviz Legali 361 ta' l-2007, (l-"Avviz Legali"), li jipprovdi li:*

   *"… xorb alkoholiku u prodotti tat-tabakk li individwi jakkwistaw fi Stat Membru iehor ghall-uzu personali taghhom u migjuba lejn Malta minnhom stess ma jkunux soggetti ghall-hlas ta' dazju tas-sisa meta dawn jigu importati f'Malta jekk:*

   *a. ikun diga thallas tali dazju tas-sisa fl-Istat Membru iehor, u*

   *b. dak id-dazju tas-sisa la jkun inghata lura u lanqas ma jkun eligibbli biex jinghata lura f'xi Stat Membru, u*

*c. ix-xorb alkoholiku u l-prodotti tat-tabakk ma jkunux mizmuma ghal skopijiet kummercjali f'Malta."*

7. *Illi d-Direttiva tistipula wkoll kwantitajiet ta' tabakk u alkohol li jekk jinqabzu, tinholoq prezunzjoni juris tantum li x-xorb u/jew tabakk migjub lejn Malta mhuwiex ghal uzu personali;*

8. *Illi l-Avviz Legali ma fih l-ebda 'kwoti' bhal dawk stipulati fid-Direttiva, u ghalhekk ma tistax tqum prezunzjoni dwar l-iskop li ghalih l-alkohol u/jew tabakk ikun qieghed jigi mpurtat;*

9. *Illi fl-10 ta' Novembru 2008, l-esponenti Francis Portelli, li huwa wkoll managing director ta' Virtu Ferries Limited, baghat email (kopja annessa u mmarkata "Dok. A") lis-Sur Albert Scerri, mid-Dipartiment tad-Dwana (id-"Dipartiment"), sabiex jinforma lid-Dipartiment li kien bi hsiebu jdahhal ammont ta' xorb alkoholiku sabiex jintuza ghal funzjoni privata;*

10. *Illi r-risposta lill-esponenti kienet fil-forma ta' accettazzjoni ta' rikjesta: hu gie infurmat illi "your request has been accepted" (kopja ta' l-email annessa u mmarkata "Dok. A");*

11. *Illi f'komunikazzjonijiet verbali mad-Dipartiment, l-esponenti gie moghti informazzjoni li hija skorretta fis-sens illi (i) jezisti allowance ta' alkohol, stabillit mill-ligi, li wiehed jista' jimporta ghal uzu personali; (ii) li dan l-allowance jista' jigi eccedut biss meta l-alkohol ikun qieghed jinxtara biex jintuza f'tieg; u (iii) illi f'certi cirkustanzi dan l-allowance jista jigi eccedut meta l-alkohol ikun ser jigi uzat f'funzjonijiet privati ohrajn li mhumiex tigijiet, izda f'dawn il-kazijiet jinhtieg permess minghand id-Dipartiment;*

12. *Illi din il-misinformazzjoni, li tinghata mid-Dipartiment, qieghed ikollha l-effett li tfixkel ic-caqliq liberu tal-merkanzija bi ksur ta' l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea;*

13. *Illi mar-ritorn tieghu minn Sqallija, fil-11 ta' Novembru 2008, l-esponenti kien soggett ghal interrogazzjoni twila, ta' mhux inqas minn siegha, minn numru (f'hin minnhom kien hemm seba') ta' ufficjali tad-Dwana, immexxija mis-Sur William Grech, liema ufficjali ikkontendew li l-esponenti ma kellux il-permess mehtieg biex jimporta l-alkohol li kellu fil-pussess tieghu, u dan minkejja illi mhuwiex mehtieg li wiehed ikollu ebda permess; u minkejja li l-esponenti kien informa lid-Dipartiment dwar l-intenzjoni tieghu li jimporta ammont ta' alkohol;*

14. *Illi s-Sur Grech gieghel lis-Sur Portelli jhott l-alkohol minn gewwa l-vettura tieghu, liema alkohol gie kkonfiskat mill-ufficjali tad-Dipartiment fuq ordni tas-Sur Grech;*

15. *Illi gie kkonfiskat ukoll ammont zghir ta' alkohol appartenenti lill-passiggier li kien qed jakkompanja lill-esponenti, s-Sur Matthew Portelli;*

16. *Illi l-esponenti u s-Sur Matthew Portelli nghataw ircevuta li tindika "Items declared on arrival. Mr. Matthew Portelli as passenger was not given his allowance." (kopja annessa u mmarkata "Dok. B");*

17. *Illi l-ghada ta' l-incident, u cioe' fit-12 ta' Novembru 2008, l-esponenti Francis Portelli kiteb lis-segretarju permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jgharrfu b'dan l-incident, u wara biss ftit sieghat ircieva email minghand id-Dipartiment tad-Dwana li permezz tieghu gie mgharraf li seta' jigbor ix-xorb alkoholiku tieghu li gie mizmum id-Dwana;*

18. *Illi minkejja dan, meta l-esponenti baghat agent tieghu sabiex jigbor l-alkohol mizmum, l-ufficjali tad-Dipartiment irrifjutaw li jirrilaxxaw l-alkahol tal-esponenti sakemm ma jinghatawx lura l-ircevuta originali fuq imsemmija; u dan minkejja li l-esponenti offra li jaghmel dikjarazzjoni fis-sens illi l-merkanzija giet migbura minnu;*

19. *Illi l-alkohol in kwistjoni ghadu sal-lum maqbud f'idejn id-Dipartiment;*

20. *Illi kawza tal-konfiska ta' l-alkohol migjub mill-esponenti minn Sqallija, l-esponenti kellu jixtri alkohol minn Malta, bi prezz ferm oghla, sabiex ikun jista' juzah fil-party li kellu ppjanat;*

21. *Illi l-agir minn naha tad-Dipartiment huwa intiz, b'mod l-aktar car, sabiex ixekkel lil persuni li jkunu jixtiequ jimpurtaw prodotti minn pajjizi ohra ta' l-Unjoni ewropeja, bl-intenzjoni li dawn il-persuni jiddezistu milli jaghmlu dan;*

22. *Illi dan l-agir huwa ksur lampanti ta' l-artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea;*

23. *Illi bhala konsegwenza ta' dan l-agir, l-esponenti sofra danni;*

24. *Illi huwa pacifiku fid-dritt ta' l-Unjoni Ewropea, illi meta persuna ssofri danni konsegwenza ta' l-agir ta' Stat Membru u dan l-agir ikun jikkonsisti fi ksur tad-dritt Ewropew, tali persuni ghandha rimedju ghad-danni kontra l-Istat Membru;*

25. *Ill fil-5 ta' Dicembru 2008 l-esponenti pprezenta protest gudizzjarju kontra l-intimati (ara Dok. C anness), u l-intimati rrispondew dan il-protest permezz ta' kontro-protest ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2009 (ara Dok. D anness);*

26. *Illi ghalhekk kellha tinbeda din il-procedura.*

*Ghaldaqstant jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhhiex:*

1. *Tiddikjara li l-agir tal-Kontrollur tad-Dwana jikkostitwixxi mizura bi ksur ta' l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea;*

2. *Tiddikjara illi dan l-agir huwa abbuziv u illegali;*

3. *Tiddikjara illi l-Kontrollur tad-Dwana huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti Francis Portelli;*

*jew*

4. *Fl-eventwalita' illi l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-Kontrollur ma adotta u/jew implimenta ebda mizura bi ksur ta' l-Artikolu 28 tat-Trattat imsemmi, allura ghandha tiddikjara li l-agir tas-Sur William Grech kien abbuziv u illegali u b'eccess tal-poteri moghtija lilu mill-ligi;*

5. *Tiddikjara illi William Grech huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti Francis Portelli.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimati Direttur Generali (Dwana) u William Grech tas-16 ta' Marzu 2009 (a fol. 34 et seq) li taqra hekk :

1. *"Illi preliminarjament, jibda biex jinghad li l-merkanzija in kwistjoni, u cioe' ammont sostanzjali ta' xorb alkoholiku llum tista' tkun irtirata mir-rikorrent, u r-rikorrent ilu li seta' jirtira din il-merkanzija tieghu stess sa mit-12 ta' Novembru 2008, kif kien infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana (ara Dok. KD 1 hawn anness, liema dokument hu anness ukoll ma' Dok. C mar-rikors guramentat). Ir-rikorrent ghar-ragunijiet tieghu, qed jaghzel li ma jirtirax il-merkanzija tieghu. Wahda minn dawn ir-ragunijiet tidher li hi li biex jirtira l-merkanzija, ir-rikorrent qed jirrifjuta li jaghti lura lid-Dwana l-ircevuta li kien inghata meta nzamm ix-xorb. L-esponenti jissottomettu li din hija procedura normali ta' meta persuna tirtira oggetti li kienu nzammu mid-Dwana. Meta jinzammu l-oggetti, d-Dwana taghti ircevuta taghhom. Meta jkunu rilaxxati lill-persuna, l-ircevuta trid minn ewl id-dinja tinghata lura lid-Dwana. Din hija wkoll il-prassi kull meta persuna taghti oggett lil haddiehor biex isirlu xi servizz jew bhala depozitu, bhal per ezempju, meta oggett ikollu hsara u jinghata ghat-tiswija jew meta persuna taghti kowt fi cloakroom. F'kull kaz tinghata ircevuta u f'kull kaz trid tintradd lura biex l-oggett ikun*

*ritornat. Jidher li r-rikorrent qed jinsisti li din l-ircevuta hija proprjeta' tieghu pero' dan mhux minnu ghaliex jekk ix-xorb se jinghatalu lura, r-rikorrent ma jistax ikollu dokument f'idejh li jghid li x-xorb ghadu jinsab ghand id-Dwana! Ir-rikorrent qed jirrifjuta li jaghti lura l-ircevuta, bil-konsegwenza li r-rilaxx ma jistax isir. Pero' r-rikorrent qed jattribwixxi id-dewmien fir-rilaxx lid-Dwana minflok lilu nnifsu!*

2. *Illi fil-mertu, r-rikorrent qed jallega li fic-cirkustanzi li jiddeskrivi fir-rikors, il-Kontrollur esponenti u jew l-ufficjal tieghu, agixxa b'mod abbuziv ghaliex agixxa bi ksur tal-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea u ghalhekk qed jaghmel talba wkoll ghad-danni. Dan hu kontestat mill-esponenti.*

3. *Illi fir-rigward tal-akkuzi li qed isiru fil-konfront tal-esponenti William Grech, l-intimati jissottomettu li dan l-ufficjal u shabu fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija, kienu qed jagixxu ghan-nom tal-istess Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk hawn qed nitkellmu fuq agir amministrattiv wiehed li jwiegeb ghalih l-istess Kontrollur tad-Dwana. Ghalhekk ma tregix talba separata bhalma qed jaghmel ir-rikorrent fit-talbiet numru 1 sa 3 u fit-talbiet numru 4 sa 5.*

4. *Illi fir-rigward dak li jghid ir-rikorrent dwar l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea, l-esponenti jissottomettu li dan l-Artikolu jistabilixxi regola generali li imbaghad hija mwettqa b'ligijiet ohra. Ir-rikorrent ma jghidx fid-dettall kif id-Dwana Maltija allegatament qed tmur kontra dan l-Artikolu. Pero' l-esponenti jissottomettu li billi d-Dwana permezz tal-ufficjali taghha taghmel il-verifiki necessarji biex taqdi dmirha sewwa skont il-ligi, dan ma jfissirx li qed twaqqaf jew tostakola l-moviment hieles tal-oggetti. F'kull kaz, l-esponenti jissottomettu li d-Dwana Maltija qed issegwi tajjeb hafna d-dettami ta' dan l-Artikolu u tal-ligijiet l-ohra kollha tal-Unjoni Ewropea inkluz tad-Direttiva 92/12/KEE tal-1992;*

5. *Illi rigward din id-Direttiva, qari tajjeb tal-Artikolu 9 taghha ikkwotat mir-rikorrent juri car li l-Istati membri ghandhom diskrezzjoni u huma jridu jkunu sodisfatti li n-natura u l-kwantita' tal-prodotti tas-sisa m'humiex qed jidhlu fil-pajjiz ghal ghan kummercjali. Dan ifisser li sta ghall-persuna li qed iggib l-*

*oggetti fil-pajjiz li turi a sodisfazzjon tal-Istat li dawn il-prodotti m'humiex ghal fini kummercjali. Ghalhekk kienet gustifikata d-Dwana meta ghal xi sieghat zammet il-merkanzija in kwistjoni sakemm ivverifikat li l-incident li nqala' kien biss rizultat ta' malintiz. Dan ghaliex id-dokumenti li wera l-importatur meta gab ix-xorb ma kienux jaqblu prima facie mad-dokumenti li kellha d-Dwana f'idejha f'dak il-hin. Hekk kif dan il-malintiz kien iccarat, u cioe' kien stabbilit li fil-fatt din id-diskrepanza fid-dokumenti kienet minhabba trazmissjoni difettuza tal-fax machine, allura x-xorb kollu kien rilaxxat u r-rikorrent seta' jiehdu mid-Dwana. Ix-xorb f'dan l-istadju ghadu d-Dwana ghax ir-rikorrent ma marx jigbru.*

6. *Illi rigward l-ammonti ta' xorb li persuna tista' ggib f'Malta, Malta timxi mal-linji gwida stabbiliti fl-istess Direttiva u mhux minnha l-allegazzjoni tar-rikorrent li Malta m'ghandha l-ebda limiti rigward kemm xorb jista' jiddahhal fil-pajjiz.*

7. *Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li d-Dwana jew l-ufficjal taghha mxew b'mod abbuziv f'dan il-kaz, l-esponenti jichdu din l-allegazzjoni bil-qawwa kollha stante li huma kienu qed jaqdu dmirhom skont il-ligi, liema dmir jista' jinkludi certi skumditajiet ghall-persuni li jkunu qed idahhlu oggetti f'Malta. Ta' min wiehed jghid ukoll li r-rikorrent ihalli barra mix-xenarju ta' dan il-kaz l-agir tal-persuna li fil-fatt marret tigbor ix-xorb, li qarreb sew lejn l-agir ta' min irid itellef ufficjal tad-Dwana milli jaqdi dmiru. Dan l-agir ta' din il-persuna seta' wkoll ta lok ghal atmosfera b'tensjoni bejn il-persuni koncernati.*

8. *Illi jinghad ukoll li kemm il-ligijiet doganali Maltin kif ukoll il-ligijiet doganali Ewropej jawtorizzaw lill-esponenti biex jaghmlu l-verifiki taghhom u jekk isibu li xi haga tidher mhux korretta, huma jistghu ma jirrilaxxawx il-merkanzija sakemm ikunu sodisfatti li l-merkanzija diehla fil-pajjiz skont il-ligi.*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ga inghad, rigward it-talba ghal danni fil-konfront taz-zewg esponenti, l-artikolu 469A(5) li wiehed jippresumi hija l-*

*bazi ta' din l-azzjoni, jipprovdi li l-ewwel trid tingieb prova li l-intimati agixxew b'mala fede u mbaghad jistghu jkunu responsabbli ghal xi danni. Certament hawn m'hawn l-ebda mala fede ghaliex kif kien iccarat il-malintiz li kien hemm, allura l-merkanzija kienet rilaxxata.*

10. *Illi rigward il-quantum tad-danni u minghajr pregudizzju ghal dak li inghad, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma ppruvax jimminimizza d-danni kif hu tenut jaghmel skont il-ligi ghaliex baqa' ma rtirax il-merkanzija minghand id-Dwana meta dan seta' ghamlu sa mit-12 ta' Novembru 2008. Ghalhekk l-esponenti ma jwiegbux ghal kwalunkwe hlasijiet addizjonali jew danni li seta' bata r-rikorrenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih u hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu."*

Rat id-digriet tas-17 ta' Marzu 2009, fejn il-Qorti kif diversament preseduta halliet il-kawza sine die (a fol.38);

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 fejn il-Qorti kif diversament preseduta irriapuntat il-kawza u innominat l-Assistent Gudizzjarja Dr. Gillian Portelli (a fol 52);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-1 ta' Settembru 2011 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Dr. Robert Buttigieg bhala Perit Legali (a fol 113);

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2013 fejn irrevokat l-ikarigu ta' Dr. Robert Buttigieg bhala Perit Legali u innominat lil Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali (a fol 139);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Francis Portelli tat-13 ta' Frar 2015 (a fol. 178 et seq) ;

Rat in-nota responsiva tal-intimati Direttur Generali (Dwana) gia Kontrolur tad-Dwana u tal-intimat l-iehor William Grech tat-18 ta' Mejju 2015 (a fol. 197 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea prezentat fit-12 t'Ottubru 2015 u mahluf fis-19 t'Ottubru 2015 (a fol. 210 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Francis Portelli tas-26 ta' Novembru 2015 (a fol. 236 et seq.);

Rat in-nota responsiva tal-intimati Direttur Generali (Dwana) gia Kontrolur tad-Dwana u tal-intimat l-iehor William Grech tal-11 ta' Jannar 2016 (a fol. 250 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrent xehed li hu kien ser jorganizza festin fid-dar tieghu ghal madwar 250 ruh, fosthom hbieb u familjari tieghu, u li ghalhekk kellu l-bzonn li jakkwista ammont ta' xorb alkoholiku. Hu ddecieda li jitla' Sqallija flimkien ma' ibnu Matthew Portelli nhar il-11 ta' Novembru 2008 sabiex jakkwista dan ix-xorb minn hemm. Ir-rikorrent spjega li, wara verifiki li ghamel mad-Dwana, hu gie nfurmat li jezisti *entitlement* ta' ammont massimu ta' xorb alkoholiku li persuna tista' ddahhal f'Malta ghall-uzu personali, sakemm ma jkunx ser jintuza ghal tieg, liema *entitlement* ma setghax jinqabez ghal skopijiet ta' festin. Ghalhekk ir-rikorrent ghamel talba lis-Sur Cortis mis-sezzjoni tal-*Excise* fid-Dwana li nfurmah li f'cirkustanzi specjali persuna setghet tottjeni l-permess tad-Dwana sabiex iddahhal ammont ta' xorb alkoholiku ghall-uzu personali, liema ammont jeccedi l-*entitlement*.

Fuq direzzjoni tas-Sur Cortis, ir-rikorrent xehed li baghat email lil Albert Scerri, mid-Dwana, nhar l-10 ta' Novembru 2008 (a fol. 9) li permezz taghha infurmah bil-lista tax-xorb alkoholiku li xtaq idahhal f'Malta ghall-festin u talbu konferma bil-miktub, liema twegiba waslet ftit sieghat wara permezz ta' email minghand Joseph Cortis(a fol. 8 u 9) li kkonferma li t-talba ghall-importazzjoni giet milqugha pero' bil-kundizzjoni li r-rikorrent jakkumpanja x-xorb bhala passiggier u li l-festin ikun limitat ghall-familja u hbieb biss.

**Pero' r-rikorrent xehed li meta rritorna minn Sqallija nhar il-11 ta' Novembru 2008 hu gie mwaqqaf mill-ufficjali tad-Dwana mmexxija mill-intimat William Grech li interrogawh ghal aktar minn siegha u sussegwentement ikkonfiskaw ix-xorb alkoholiku tar-rikorrent u kif ukoll ix-xorb li kien xtara ibnu Matthew li kien qieghed jakkompanja lir-rikorrent. Mal-konfiska tax-xorb ir-rikorrent inghata rcevuta mill-ufficjali tad-Dwana (a fol. 10) bil-kliem: *"Items declared on arrival. Mr. Portelli as passenger was not given his allowance."***

Ir-rikorrent spjega li kif wasal Malta kellhu mieghu lista ta' xorb li kienet awtorizzata mid-Dwana (Dok. FP1), liema lista ghandha numru ta' *asterisks* li kien ghamilhom ir-rikorrent stess sabiex jindika ix-xorb alkoholiku. Ir-rikorrent xehed li nizzel mieghu ammont ta' xorb **inqas milli kien fil-fatt awtorizzat** igib u li seta' kien hemm diskrepanzi fit-tip ta' flixkun bhal per ezempju flixkun tal-litru flok minflok 70cl, **pero' spjega wkoll li fit-totalita' ma eccediex l-ammont ta' xorb awtorizzat.**

Ir-rikorrent xehed li dan ix-xorb gie konfiskat in kwantu, skont l-intimat Grech, hu ma kellux il-permess mehtieg biex jimportah b'rizultat ta' diskrepanza bejn l-informazzjoni li hu kien ta lis-Sur Cortis u l-informazzjoni li kellu l-intimat Grech, li kellu l-istess lista ta' xorb tar-rikorrent pero' b'xi diskrepanzi. **Nonostante li r-rikorrent talab lill-intimat Grech sabiex jivverifika l-approvazzjoni li kellu l-istess rikorrent, l-intimat Grech irrifjuta.**

Ir-rikorrent xehed li nhar it-12 ta' Novembru 2008, wara li hu kiteb lis-segretarju permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jgharrfu b'dak li gara, **hu tkellem mal-agent Kontrollur tad-Dwana li skuza ruhu ghall-izball li sar b'rizultat tad-diskrepanza fil-lista tax-xorb li kellu l-intimat Grech u nfurmah li seta' jigbor ix-**

**xorb li gie kkonfiskat** (Dok. C a fol. 22 sa 24). Pero' meta ibnu Matthew mar sabiex jigbor ix-xorb in kwistjoni l-ufficjal tad-Dwana infurmah li sabiex jigi rilaxxat ix-xorb kellha **tigi ritornata l-ircevuta originali**. **Ir-rikorrent xehed li l-ircevuta kienet tieghu u sa llum ma jridx jirrilaxxaha favur id-Dwana. Minflok jirritorna l-ircevuta, hu offra li jiddikjara li x-xorb gie rilaxxat pero' tali proposta giet rifjutata.**

Dan kollu gie kkonfermat minn Christian Galea, impjegat tas-socjeta' Virtu Ferries Limited li taghha r-rikorrent hu d-direttur manigerjali, u Matthew Portelli, iben ir-rikorrent.Ir-rikorrent spjega li b'rizultat ta' dan kollu hu kellu jixtri xorb iehor ghall-festin, li nzamm nhar l-14 ta' Novembru 2008 (Dok. FPA a fol. 171), bi prezz ferm aktar gholi ghall-istess prodotti. Ir-rikorrent u ibnu Matthew xehedu wkoll li d-dazju fuq ix-xorb mixtri minn Sqallja, li sussegwentement gie kkonfiskat, gie mhallas fi Sqallija.

Minn naha tieghu l-intimat William Grech, li ilu jahdem mad-Dwana madwar hamsa u tletin sena u llum jokkupa l-kariga ta' Spettur, xehed li dakinhar tal-11 ta' Novembru 2008 hu kien gie moghti korrispondenza elettronika flimkien ma' lista ta' xorb (a fol. 73 u 74) mill-kollegi tieghu rigward xorb li r-rikorrent kellu jgib mieghu minn Sqallija. **L-intimat spjega li l-Manager inkarigat mill-Port u cioe' Francis Micallef kien infurmah li r-rikorrent kellu permess biss sabiex idahhal ix-xorb alkoholiku kif indikat b'*asterisk* hamra fl-istess lista.** Francis Micallef kien ukoll l-*'immediate superior'* tal-intimat.

Grech spjega li kien hemm zmien meta sabiex wiehed igib xorb alkoholiku ghal tieg kien hemm obbligu li jottjeni permess, ghalkemm ma jafx minn fejn tirrizulta mill-ligi. Spjega wkoll li dak iz-zmien, f'kaz li persuna tigi minn Sqallija b'*truck* bix-xorb minghajr dan il-permess, dan kien jinzamm u l-kaz kien ikun riferit lil *enforcement section*. **Grech xehed li f'dan il-kaz inhareg permess fir-rigward ta' xorb intiz ghal riceviment privat u mhux tieg.**

Kif ir-rikorrent wasal minn Sqallija flimkien ma' ibnu Matthew, l-intimat Grech flimkien ma' fizzjal bl-uniformi, Nazzareno Facciol, u tnejn ohra pajzana mis-sezzjoni tal-infurzar tad-Dwana, Joseph Cassar u Michael Grima, waqqfu lir-rikorrent

mal-genb sabiex ma jfixklux il-karozzi l-ohra niezlin u l-intimat Grech infurmah li kien jaf li r-rikorrent kellu jgib mieghu ammont ta' inbid u xampanja skont il-korrispondenza u l-lista msemmija, pero' r-rikorrent infurmah li kellu permess ukoll sabiex igib xorb alkoholiku iehor. L-intimat xehed li f'dan il-mument ir-rikorrent, ibnu u impjegat tal-kumpanija li topera l-katamaran, Christian Galea, kienu verbalment aggressivi versu l-istess intimat tant li Christian Galea anke hataf id-dokumenti minn id l-intimat.

Dan kollu gie kkonfermat mill-Ufficjal Michael Grima li spjega wkoll li Christian Galea beda jostakola l-operat tal-ufficjali tad-Dwana tant li l-intimat Grech talab l-assistenza tal-Pulizija li wasslu fuq il-post mill-Ghassa tal-Belt u sar rapport. Ir-rikorrent ippretenda li l-intimat Grech ikellem lil Francis Micallef ghalkemm kien tard bil-lejl. L-intimat xehed li damu jispezzjonaw ix-xorb madwar kwarta jew ghoxrin minuta. **L-intimat ikkonferma li hu ma rax il-lista tar-rikorrent.**

L-intimat spjega li r-rikorrent gab in-nies tieghu biex ihottu dak ix-xorb zejjed li ma kienx indikat fil-korrispondenza jew fil-lista. L-intimat ikkonferma li dak li kien ghadu fil-karozza tar-rikorrent kien biss inbid u xampanja. L-intimat ikkonferma wkoll il-lista tax-xorb mizmum u idderiega lil Nazzareno Facciol biex johrog ircevuta tal-oggetti mizmuma, liema ircevuta hija maghrufa fid-Dwana bhala *'Retained by Customs.'*

Martin Spiteri, Direttur tas-Sisa u Sistemi fid-Dipartiment tad-Dwana, xehed li wara li r-rikorrent gie mgharraf mill-Ispettur tad-Dwana Joseph Cortis li t-talba tieghu sabiex ikun jista' jimporta xorb alkoholiku bhala *accompanied luggage* giet accettata, intbaghtet *fax* mis-Sezzjoni tas-Sisa lill-*Baggage Room* b'elenku tax-xorb rikjest sabiex ikun jista' jiffacilita' d-dhul tax-xorb da parte tar-rikorrent. **Pero' Spiteri spjega li rrizulta li xi dettalji fuq din il-lista naqsu milli jidhru fuq l-ahhar faccata tad-dokument trasmess u moghti lill-intimat Grech bhala l-Ispettur inkarigat dakinhar filghaxija.** Spiteri xehed li ghalhekk l-intimat Grech kellu **informazzjoni nieqsa peress li parti minn din il-lista ma gietx stampata bil-konsegwenza li x-xorb li ma kienx immarkat b'*asterisk* gie mizmum** in kwantu dak il-hin ir-rikorrent deher li kellu fil-pussess tieghu kwantita' ta' xorb alkoholiku akbar minn dak li kien indikat lill-intimat Grech.

Martin Spiteri spjega wkoll li l-ghada filghodu u cioe' fit-12 ta' Novembru 2008, il-Kontrollur tad-Dwana awtorizza r-rilaxx tax-xorb mizmum wara li saru l-verifiki necessarji u r-rikorrent gie infurmat permezz ta' email li seta' jigbor l-istess xorb (a fol. 133), pero' iben ir-rikorrent, li gie mibghut minn missieru sabiex jigbor ix-xorb, ma kellux awtorizazzjoni bil-miktub minghand ir-rikorrent u anqas ma kien fil-pussess tal-ircevuta originali relatata max-xorb mizmum. Spiteri spjega li hi l-prassi tad-Dwana li oggetti mizmuma ma jigux rilaxxati minghajr tali ircevuta sabiex jigu evitati talbiet ghal dawk il-prodotti li jkunu gia ngabru.Spiteri xehed ukoll li r-rikorrent m'ghamel l-ebda tentattiv iehor sabiex jigbor ix-xorb mizmum mid-Dwana, ghalkemm inghata l-opportunita'.

Martin Spiteri esebixxa u xehed fir-rigward ta' dokument (a fol. 154) intitolat *'Tax Treatment of Accompanied Excise Goods Purchased in Another Member State'* li hu *undertaking* mahrug mill-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tal-VAT relattiv ghal mod kif ghandhom isiru l-kontrolli fuq prodotti mill-Unjoni Ewropea, liema dokument inhareg **wara** li kienu saru xi lmenti. Hu spjega li m'ghandhiex tithallas SISA jew VAT fuq ammont zghir ta' prodotti li huma intizi ghall-uzu personali, **ghalkemm m'hemmx indikazzjoni dwar l-ammonti jew kif ghandu jigi deciz jekk l-ammonti humiex zghar jew le**.

In oltre, d-definizzjoni ta' 'uzu personali' ma tfissirx li l-prodott jrid jigi kkunsmat mill-persuna stess **izda tfisser li l-prodott mhux intiz ghal uzu kummercjali.** Ix-xhud spjega li jezistu linji gwida li pero' huma proceduri amminsitrattivi li m'humiex bil-miktub. Ix-xhud spjega wkoll li fir-rigward ta' persuni li jaslu fil-port f'Malta, d-Dwana tirreferi ghall-Artikolu 32 tad-Direttiva 118/2008 UE (dak iz-zmien tal-kaz in kwistjoni kienet maghrufa bhala d-Direttiva 92/12/EEC), trasposta fil-ligijiet ta' Malta fl-Artikolu 14A tal-Kap. 382.

Rigward tigijiet jew *parties*, ix-xhud spjega li f'tali kazijiet tigi mitluba lista tax-xorb u informazzjoni ohra minn qabel ma jingieb ix-xorb f'Malta, ghalkemm ma jfissirx li f'kull kaz tali lista u informazzjoni trid tinghata minn qabel izda meta ssir notifika f'dan is-sens, dan jiffacilita' l-affarijiet. Fi kwalunkwe kaz, dejjem iridu jigi kkunsidrati l-volumi li jkunu ser jiddahlu f'Malta.

Din il-procedura amministrattiva kienet fis-sehh anki fis-sena 2008 fejn meta persuna kienet se timporta certu xorb kellha timla formola, fil-forma ta' lista, bl-iskop ta' notifika. Ix-xhud spjega li ma kienx hemm formola *standard*, izda dak li jkun kellu jhejji lista tal-prodotti. Spiteri xehed **li tali procedura ma tirrizultax mill-ligi u l-ligi ma kienetx tirrikjedi din in-notifika.**

Il-verifiki li kienu jsiru meta wiehed jidhol bix-xorb kienu ai termini tal-kriterji misjuba fl-Artikolu 8 u 9 tad-Direttiva. Spiteri xehed li l-ewwel haga li wiehed irid jara hi jekk id-Dwana u s-Sisa fuq dawn il-prodotti thallsitx fil-pajjiz minn fejn inxtraw. Jekk l-iskop tax-xiri jkun ghall-uzu personali, d-Dwana u s-Sisa jridu jkunu thallsu fil-pajjiz minn fejn inxtraw. Jista' jkun ukoll il-kaz li jekk wiehed jiskopri li l-importazzjoni kienet ghall-uzu kummercjali, s-Sisa u d-dazju jkollhom jergghu jithallsu ghalkemm jkunu gia thallsu fil-pajjiz l-iehor.

Xehed ukoll Anthony Busuttil, *Director Enforcement* fid-Dipartiment tad-Dwana, li spjega li dak iz-zmien li sehh il-kaz in kwistjoni, u anki llum, id-Dipartimenttad-Dwana jirreferi ghad-direttiva 92/12/EEI tal-25 ta' Frar 1992, u fir-rigward tad-definizzjoni ta'*'uzu personali'*, l-interpretazzjoni tal-istess u l-kriterji relattivi, d-Dipartiment jirreferi ghall-artikoli 8 u 9 tal-istess Direttiva. **Din id-direttiva ma kienetx trasposta fiz-zmien meta sehh il-kaz odjern pero' dak iz-zmien kienet issir referenza ghad-Direttiva.**

Busuttil spjega li, fir-rigward ta' xorb alkoholiku mill-Unjoni Ewropea, m'huwiex mehtieg li l-pubbliku jkun mgharraf li jezisti d-dritt li ssir talba ghall-importazzjoni ta' xorb in kwantu dan id-dritt li jigi mpurtat xorb ghall-uzu personali jirrizulta mid-Direttiva. Fil-fatt ghal din it-talba m'hemmx formola jew *template* partikolari. It-talba tista' ssir kemm qabel u anki malli ssir l-importazzjoni. **Ix-xhud spjega li jekk ma ssirx it-talba jinzamm ix-xorb**, sa kemm ma jkunx ovvju skond il-kriterji tad-Direttiva li dan hu intiz ghall-uzu personali bhal per ezempju li l-ammont tax-xorb ikun taht l-ghaxar litri.

**Ikkonsidrat:**

Illi d-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

L-Artikolu 34 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ex Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea):

> ***Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri.***

L-Artikolu 32 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE:

> *1. Id-dazju tas-sisa fuq prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa akkwistati minn individwu privat għall-użu proprju, u ttrasportati minnu stess minn Stat Membru wieħed għal ieħor, għandu jintalab biss fl-Istat Membru fejn il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jiġu akkwistati.*
>
> *2. Biex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa msemmija fil-paragrafu 1 ikunux intenzjonati għall-użu proprju ta' individwu privat, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont b'mod partikolari tal-punti li ġejjin:*
>
> *(a) l-istatus kummerċjali tad-detentur tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u r-raġunijiet tiegħu għall-pussess tagħhom;*
>
> *(b) il-post fejn il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jkunu jinsabu jew, jekk ikun il-każ, il-metodu ta' transport użat;*
>
> *(ċ) kwalunkwe dokument relatat mal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa;*
>
> *(d) in-natura tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa;*
>
> *(e) il-kwantità tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.*

*3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (e) tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livelli ta' gwida, bħala forma ta' prova biss. Dawn il-livelli ta' gwida ma jistgħux ikunu anqas minn:*

*(b) għax-xorb alkoħoliku:*

***— xorb spirituż: 10 litri;***

***— prodotti intermedji: 20 litru;***

***— inbejjed: 90 litru (inkluż mhux aktar minn 60 litru ta' nbid frizzanti);***

***— birer: 110 litri.***

Ir-Regolament numru 3 tal-Avviz Legali 361/2007 – Regolamenti Dwar Dazju tas-Sisa (Oggetti ghal Uzu Personali):

***"… xorb alkoholiku u prodotti tat-tabakk li individwi jakkwistaw fi Stat Membru iehor ghall-uzu personali taghhom u migjuba lejn Malta minnhom stess ma jkunux soggetti ghall-hlas ta' dazju tas-sisa meta dawn jigu importati f'Malta jekk:***

***a. ikun diga thallas tali dazju tas-sisa fl-Istat Membru iehor, u***

***b. dak id-dazju tas-sisa la jkun inghata lura u lanqas ma jkun eligibbli biex jinghata lura f'xi Stat Membru, u***

***c. ix-xorb alkoholiku u l-prodotti tat-tabakk ma jkunux mizmuma ghal skopijiet kummercjali f'Malta."***

L-Artikolu 14A tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa:

***(1) Id-dazju tas-sisa fuq oġġetti dazjabbli akkwistati minn individwu privat għall-użu tiegħu stess, u trasportati minnu stess minn Stat Membru lejn Malta, għandu jitħallas biss fl-Istat Membru fejn ikunu ġew akkwistati l-oġġetti dazjabbli.***

*(2) Sabiex jiġi stabbilit jekk l-oġġetti dazjabbli msemmija fis-subartikolu (1) ikunux intenzjonati għall-użu ta' individwu privat minnu stess, l-Kummissarju għandu jqis dan li ġej:*

*(a) l-istat kummerċjali tad-detentur tal-oġġetti dazjabbli u x'raġunijiet ikollu biex dawn ikunu fil-pussess tiegħu;*

*(b) il-post fejn ikunu jinsabu l-oġġetti dazjabbli jew, jekk ikun il-każ, il-metodu ta' transport użat;*

*(ċ) kull dokument li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti dazjabbli;*

*(d) ix-xorta ta' oġġetti dazjabbli;*

*(e) l-ammont tal-oġġetti dazjabbli.*

*(3) Għall-finijiet li jiġi applikat is-subartikolu (2)(e), il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi livelli ta' gwida, bħala forma ta' prova biss.*

L-Artikoli 21 u 25 tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa:

*21. (1) Uffiċjal tas-sisa, wara li juri l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala tali uffiċjal, jekk huwa hekk jintalab jagħmel minn xi persuna interessata, jew kull uffiċjal li jkun qiegħed ma' dak l-uffiċjal, jista' –*

*(a) jeżamina vettura, ajruplan jew bastiment,*

*(b) iwettaq dik it-tfittxija fil-vettura, ajruplan jew bastiment li l-uffiċjal tas-sisa jidhirlu li tkun neċessarja biex jiġi stabbilit jekk –*

*(i) xi oġġett fuq, jew fil-vettura, ajruplan jew bastiment, jew b'xi mod imwaħħal mal-vettura, ajruplan jew bastiment jista' jiġi kkonfiskat taħt dan l-Att jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam mad-dazju tas-sisa, jew*

*(ii) xi oġġetti dazjabbli li jkunu qed jiġu trasportati fi jew fuq, jew b'xi mod ieħor huma mwaħħla ma', il-vettura, ajruplan jew bastiment jikkorrispondu f'kull partikolari materjali mad-deskrizzjoni ta' xi oġġetti bħal dawn f'dokument imsemmi fil-paragrafu (d)(iii);*

*Omissis*

*(d) jagħmel mistoqsijiet lill-persuna li jkollha l-kontroll tal-vettura, ajruplan jew bastiment rigward il-vettura jew ajruplan jew bastiment jew kull ħaġa fuq, jew b'xi mod ieħor imwaħħla ma', il-vettura, ajruplan jew bastiment, u ġġiegħel lil dik il-persuna –*

*Omissis*

*(ii) fi żmien dak il-perjodu u f'dik il-forma u b'dak il-mod kif jistgħu jiġu speċifikati mill-uffiċjal tas-sisa, biex tipproduċi u tippermetti l-ispezzjoni ta', u li jittieħdu kopji ta', jew estratti minn, dawk ir-records kollha li għandhom x'jaqsmu mal-vettura, ajruplan jew bastiment u kull oġġett li qed jiġi trasportat, li jistgħu jkunu raġonevolment meħtieġa minn dak l-uffiċjal tas-sisa u li jkunu fil-pussess jew jistgħu jinkisbu mill-persuna, u*

*(iii) tipproduċi lill-uffiċjal tas-sisa kull dokument anċillari, dokument dwar id-dazju jew ċertifikat ta' eżenzjoni li huma relatati ma' xi oġġett soġġett għad-dazju tas-sisa li jkunu qed jiġu trasportati fi jew fuq, jew b'xi mod ieħor imwaħħal ma', il-vettura, ajruplan jew bastiment.*

*25. (1) Meta uffiċjal tas-sisa jew uffiċjal tal-Pulizija* ***jkollu suspett raġonevoli*** *li xi oġġetti, li huma suġġetti għal dazju tas-sisa jew xi oġġetti oħra, jistgħu jiġu konfiskati skont dan l-Att, allura –*

*(a) dawk l-oġġetti dazjabbli kollha jew dawk l-oġġetti l-oħra,*

*Omissis*

*(ċ) kull vettura jew ajruplan jew bastiment li jinstabu dawk l-oġġetti jew oġġetti oħra fihom jew fuqhom jew imwaħħla magħhom, għandhom jinżammu minn dak l-uffiċjal tas-sisa jew minn dak l-uffiċjal tal-Pulizija sakemm isiru dawk l-eżamijiet, mistoqsijiet jew investigazzjonijiet li jistgħu jitqiesu raġonevolment meħtieġa minn dak l-uffiċjal tas-sisa, jew minn uffiċjal tas-sisa ieħor jew mill-uffiċjal tal-Pulizija, sabiex jiġi stabbilit jekk dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa, vettura, ajruplan jew bastiment jistgħux jiġu konfiskati jew le,*

*għandhom jinżammu minn dak l-uffiċjal tas-sisa jew minn dak l-uffiċjal tal-Pulizija sakemm isiru dawk l-eżamijiet, mistoqsijiet jew investigazzjonijiet li jistgħu jitqiesu raġonevolment meħtieġa minn dak l-uffiċjal tas-sisa, jew minn uffiċjal tas-sisa ieħor jew mill-uffiċjal tal-Pulizija, sabiex jiġi stabbilit jekk dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura jistgħux jiġu konfiskati jew le.*

*(2) Meta tittieħed deċiżjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) dwar kull oġġett, oġġett ieħor, ħaġa jew vettura jew meta jgħaddu tletin jum minn meta dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura kienu ġew miżmuma skont dak is-subartikolu, liema minnhom jkun l-aktar kmieni, dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura għandhom jinqabdu bħala li jistgħu jiġu konfiskati taħt dan l-Att, jew jiġu rilaxxati.*

Illi applikati dawn il-ligijiet hawn fuq citati ghall-fattispeci tal-kaz, il-Perit Legali kien tal-fehma li jirrizulta li r-rikorrent talab permess lill-Ufficjali tad-Dwana, **ghalkemm mhux legalment obbligat li jaghmel hekk**, sabiex idahhal mieghu f'Malta bil-vettura tieghu ammont ta' **xorb alkoholiku minn Sqallija ghal festin li kellu ppjanat ghall-hbieb u familjari tieghu**. Ir-rikorrent gie infurmat mid-Dwana **li t-talba tieghu sabiex idahhal dan ix-xorb giet accettata,** b'dana li tali xorb kellu jiddahhal minnu stess, filwaqt li l-festin kellu jkun biss ghall-hbieb u familjari tieghu. Ġara pero' illi kawza tal-fatt **li l-lista tax-xorb** indikat mir-rikorrent,li kienet f'idejn l-intimat Grech fil-mument tal-wasla tar-rikorrent minn Sqallija, **ma kienetx tindika x-xorb kollu gia awtorizzat** kien hemm **diskrepanza bejn ix-xorb imdahhal mir-rikorrent u x-xorb indikat fuq l-istess lista**. B'hekk l-intimat Grech ghazel li jzomm

dak ix-xorb li ma rrizultax fil-lista tieghu.Ir-rikorrent isostni li sofra danni kawza tal-agir tal-intimati in kwantu dan jikkostitwixxi mizura ekwivalenti ghal restrizzjoni kwantitattiva bi ksur tal-Artikou 34 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll in kwantu dan l-agir jirrizulta f'applikazzjoni zbaljata, u ghalhekk bi ksur,tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE.

Illi l-Perit Legali ma qabilx mat-tezi tar-rikorrent. Id-dritt ta' persuna li ddahhal maghha f'Malta ammont ta' xorb ghall-uzu personali minghajr il-htiega li jithallas id-dazju tas-sisa f'Malta jirrizulta mill-ligi, ai termini tal-kundizzjonijiet imposti fl-istess ligi, u dan minghajr il-htiega li jintalab jew jinhareg xi permess. Il-kriterji a bazi ta' liema ghandu jigi determinat jekk tali xorb huwiex intiz ghall-uzu proprju o meno jirrizultaw mill-ligi u bl-istess mod il-poteri tal-ufficjali tad-Dwana li jinvestigaw, ifittxu u jezaminaw u li jzommu, jaqbdu jew jirrilaxxaw tali oggetti wkoll jirrizultaw mill-ligi. F'dan il-kaz, ir-rikorrent informa lid-Dwana bl-intenzjoni tieghu li jdahhal mieghu f'Malta ammont ta' xorb qabel dan iddahhal f'Malta u ghalhekk, a bazi tal-informazzjoni moghtija mir-rikorrent f'dak l-istadju, u cioe' t-tip u l-ammont ta' xorb li kien se jiddahhal (fil-forma ta' lista) u li dan kien se jintuza ghal festin privat fir-residenza tieghu, kien f'dak l-istadju li d-Dwana ezercitat il-poteri taghha sabiex evalwat jekk dan ix-xorb kien intiz ghall-uzu personali da parte tar-rikorrent ai termini tal-ligi.

Jinghad ghalhekk li, ghalkemm r-rikorrent ma kienx obbligat li jaghmel din it-talba qabel effettivament dahhal dan ix-xorb mieghu f'Malta, l-fatt li saret din it-talba lid-Dwana għen biex iffacilita' l-evalwazzjoni tad-Dwana fir-rigward jekk ghandux jithallas o meno dazju tas-sisa hawn Malta fuq l-istess xorb in kwantu din l-evalwazzjoni setghet issir qabel u mhux dak il-hin li jiddahhal ix-xorb. Fil-fatt, it-twegiba tad-Dwana ghat-talba tar-rikorrent kienet pozittiva u kienet tinkludi zewg kundizzjonijiet li huma ragjonevoli in kwantu huma ai termini tal-ligi u cioe', fl-ewwel lok li r-rikorrent kellu jnizzel u jakkompanja x-xorb in kwistjoni hu stess kif del resto jirrikjedu l-Artikolu 32 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE,r-Regolament numru 3 tal-Avviz Legali 361/2007 ul-Artikolu 14A tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa u fit-tieni lok li l-festin privat kellu jkun biss ghall-familja u l-qraba tar-rikorrent u dan fir-rigward tal-htiega li x-xorb ikun intiz ghall-uzu personali u mhux kummercjali kif tirrikjedi l-istess ligi. Jirrizulta li r-rikorrent accetta tali kundizzjonijiet in kwantu

wiegeb, *"I shall proceed as you indicated."*Ghalhekk, sa dan l-istadju ma tirrizulta l-ebda irregolarita' jew restrizzjoni da parte tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti taqbel ma uhud mill-konkluzjonijiet tal-Perit Legali sa dan il-punt, izda ma tikkondividiex mal-konkluzjonijiet finali tieghu ghar-ragunijiet li ser jinghataw aktar 'l quddiem.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrenti jargumenta li l-konkluzjoni tal-Perit Legali kienet zbaljata peress illi tikkostitwixxi applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi Ewropeja. Huwa jikkontendi illi l-ispezzjonijiet tal-ufficjali tad-dwana jammontaw ghal dak komunement maghruf fil-gurisprudenza tac-CJEU bhala **Measure Equivalent to a Quantitative Restriction** (MEQR).

Il-Qorti qieset is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja citati mir-rikorrent fir-rigward ta' kif spezzjonijiet jista' jammontaw ghal MEQRs, u rat ukoll is-sentenza fil-kaz ta' **Rewe Zentralfinanz (Case 4/75)** fejn fuq l-istess linja ta hsieb il-Qorti Ewropeja kienet irrilevat illi:

> ***"[i]t follows that phytosanitary inspections at the frontier which plant products, such as apples, coming from another Member State are required to undergo, constitute measures having an effect equivalent to quantitative restrictions within the meaning of Article 30 of the Treaty, and are prohibited under that provision subject to the exceptions laid down by Community law."***

Il-Qorti tqis pero illi dak enuncjat f'dawn is-sentenzi m'huwiex necessarjament applikabbli ghal kaz de quo. Dan ghaliex dawn is-sentenzi kienu qed jikkonsidraw sitwazzjoni fejn **l-ispezzjonijiet ta' prodotti** dehlin fil-pajjiz minn pajjiz komunitarju iehor **kienu obbligatorji**, fattur li kien determinanti fir-ragunament tal-Qorti Ewropeja, kif jidher mis-segwenti bran:

> *"Article 30 of the Treaty prohibits quantitative restrictions on*

*imports and all measures having equivalent effect between Member States.*

*For the purposes of this prohibition it is enough for the measures in question to be capable of acting as a direct or indirect, real or potential hindrance to imports between Member States.*

*In accordance with Article 2 (2) of Commission Directive No 70/50/EEC of 22 December 1969 (OJ 1970, No L 13, p. 29) measures having equivalent effect are those which make imports subject to a condition which is required in respect of imported products only or a condition differing from that required for domestic products and more difficult to satisfy.*

*It is clear from the questions put that the phytosanitary inspections in question only concern importations of plant products and that similar domestic products, such as apples, are not subject to comparable* ***compulsory examinations*** *for the purpose of distribution.*

*These inspections thus amount to a condition which is required in respect of imported products only, within the meaning of Article 2 (2) of the abovementioned directive.*

*Moreover, as a result, in particular, of the delays inherent in the inspections and the additional transport costs which the importer may incur thereby, the inspections in question are likely to make importation more difficult or more costly.*

*It follows that phytosanitary inspections at the frontier which plant products, such as apples, coming from another Member State are* ***required to undergo****, constitute measures having an effect equivalent to quantitative restrictions within the meaning of Article 30 of the Treaty, and are prohibited under that provision subject to*

*the exceptions laid down by Community law."*

Minn dan il-bran il-Qorti tifhem illi l-fattur krucjali fir-ragunament tal-Qorti Ewropeja kien illi galadarba l-ispezzjonijiet kienu obbligatorji allura prodotti vegetali li kienu diehlin minn pajjiz iehor komunitarju kienu suggetti ghal trattament differenti minn prodotti domestici, li jfisser illi tali mizuri jammontaw ghal MEQR.

F'dan il-kaz ma rrizultax illi l-ispezzjonijiet ta' persuni niezlin mill-katamaran kienu obbligatorji fil-ligi u ghalhekk huwa car illi s-sitwazzjoni in dezamina hija kemmxejn differenti minn dik analizzata fil-kaz citat, u dawk citati mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Il-Qorti ma taqbilx ukoll mal-argument tar-rikorrent illi l-ammont ta' alkohol li jkun qed jingarr huwa uzatt bhala l-unika fattur fl-evalwazzjoni ta' jekk ix-xorb alkoholiku li qed jiddahal huwiex ghal uzu personali jew ghal skopijiet kummercjali. Fil-fatt jirrizulta mid-dokument ezebit a fol 11 illi l-ammont ta' xorb alkoholiku li kien qed jingarr mir-rikorrent[1] kien jeccedi sostanzjalment l-ammont stipulat fid-Direttiva bhala ammont illi johloq il-presunzjoni ta' uzu personali,[2] u nonostante dan l-ufficjali tad-Dwana irrilaxxaw ix-xorb wara li waslu ghal konkluzjoni illi dan ix-xorb kien qed jiddahhal Malta mir-rikorrent ghal uzu personali f'festin illi kien qed jorganizza ghal hbieb u familjarji. Ghalhekk huwa car illi fil-kuntest ta' evalwazzjoni fir-rigward t' jekk ix-xorb huwiex intiz ghal uzu personali jew ghal skopijiet kummercjali ma kienet qed issir l-ebda applikazzjoni jew interpretazzjoni hazina tal-ligi minn naha tal-awtorijiet koncernati, u f'dan ir-rigward il-Qorti tqis illi l-evalwazzjoni maghmula mil-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu hija fondata fil-fatt u fid-dritt.

Mifhum dan, il-Qorti hija mhassba dwar il-proceduri adottati mill-awtoritajiet koncernati ghad dhul ta' prodotti soggetti ghas-sisa f'Malta minn pajjizi membri tal-Unjoni Ewropeja, u dan senjatament fid-dawl tax-xhieda ta' Anthony Busuttil, Director Enforcement fid-Dipartiment tad-Dwana li xehed illi **fiz-zmien relevanti kien hemm bzonn li ssir talba biex jigi impurtat xorb ghal uzu personali**, qabel jew malli issir l-importazzjoni, **u jekk ma ssirx din it-talba, jinzamm ix-xorb**. Aktar

---

1Tmienja u tletin litru
[2]Ghaxar litri.

tat-thassib minn hekk, huwa l-fatt li r-rikorrent, wara li kien issottometta tali talba lid-Dipartiment tad-Dwana, u spjega ghalfejn kien qieghed idahhal dik il-kwantita ta' xorb (liema talba giet accetta mill-istess Dipartiment) xorta wahda gie soggettat ghall-ispezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana u ghall-interogazzjoni minn seba' ufficcjali tad-Dwana u membri tal-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti tinsab preokkupata ferm bid-deferenza mhux flokha li Grech wera lis-superjur tieghu Micallef u bid-decizjoni tieghu (ta' Grech) li ma jiddisturbahx minkejja li dan l-ufficcjal kien tal-Ghassa, waqt li ma ra xejn mhux floku illi jinterroga lir-rikorrenti ghal siegha flimkien ma sitt ufficcjali ohra tad-Dwana u Pulizija.

Il-Qorti ma tistghax ma tinnotax illi "d-diskrepanza" allegata minn Grech rigward il-lista (liema lista kienet stampata fuq karta unika) kienet tikkoncerna nuqqas ta' stampar t'*asterisk* fuq uhud mill-*items* ta' xorb indikati fuq l-istess lista. Dawn l-*asterisk* kienu *imputted* mill-istess rikorrenti fuq din il-lista. Dan l-*asterisk* jidher illi ma tfaccawx fuq il-*fax copy* li kellu f'idejh Grech. Din kienet l-uniku "diskrepanza". Ghalhekk il-Qorti ma tistghax ma tqisx "id-diskrepanza" bhala wahda tant lieta li kwazi kwazi tavvicina pretest.

Il-Qorti hija ugwalment mhassba 'l ghaliex semplici verifika tal-lista "intiera" fuq il-kompjuter kienet tibbasta biex tirrisolvi l-kwistjoni kollha. Jekk l-*equipment* tad-Dipartiment tad-Dwana *is not fit for purpose* certament m'ghandux jbaghti r-rikorrenti li ghamel aktar minn dak rikjest mill-ligi **proprju biex ma jigrix dak li gara.**

Dana kollu irid jigi apprezzat, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, fl-isfond t'ammont sostanzjali ta' *mis* informazzjoni li r-rikorrenti nghata mill-ufficcjali varji tad-Dipartiment tad-Dwana meta ghamel it-talba tieghu ghall-importazzjoni t'oggetti t'alkohol minn pajjiz Ewropew.

Fic-cikorstanzi fuq spjegati l-Qorti tqis illi l-frustrazzjoni li espremew ir-rikorrenti, ibnu u l-impjegat Galea ma setghax kien hlief mistenni.

Il-moviment liberu ta' prodotti huwa wiehed mill-erbgha libertajiet fondamentali li fuqhom hija fondata l-Unjoni Ewropeja u wiehed mill-principju fundamentali tat-Trattat. Dan id-dritt huwa wiehed mill-pilastri li fuqhom huwa bbazat is-suq intern.

Dan il-moviment liberu huwa assigurat tramite l-eliminazzjoni ta' hlasijiet ta' dwana u *quantitative restrictions* u il-projbizzjoni ta' MEQRs.

Mix-xhieda ta' Anthony Busuttil jidher illi l-ispezzjonijiet li kienu jsiru mill-ufficjali ta' dwana ma kienux isiru biss meta jkun hemm **suspett ragonevoli** li persuna tkun qed idahhal xorb alkoholiku ghal skopijiet kummercjali. **Dan tant illi skont hu, kull persuna li ma kienetx taghmel talba appozita kienet tkun awtomatikament soggetta ghaz-zamma tax-xorb illi tkun dahhlet.** Inoltre, kif jidher mill-kaz prezenti, anke l-fatt li ssir tali talba, li sahansitra tigi accettata mid-Dipartiment tad-Dwana, ma tezonerax lil persuna involuta milli tigi assoggettata ghall-ispezzjoni hekk kif tidhol fil-port f'Malta. Minn din ix-xhieda jirrizulta illi l-persuni li jidhlu fil-port Malta minn pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja, almenu fiz-zmien relevanti, kienu soggetti awtomatikament fil-prattika ghall-ispezzjoni mill-ufficjali tad-dwana, minhabba l-fatt biss li diehlin minn pajjiz iehor, u **mhux ghaliex l-ufficjali tad-dwana ikollhom suspett ragonevoli illi qieghdin idahhlu prodotti soggetti ghal hlas ta' sisa ghall-skopijiet kummercjali.**

Ghalhekk ghalkemm il-ligi ma kienetx tipprovdi ghall-imposizzjoni ta' spezzjonijiet mandatarji, mix-xhieda ta' Anthony Busuttil jirrizulta li din kienet il-procedura adotta fir-realta', u li anzi persuni li riedu jimportaw xorb alkoholiku minn pajjiz membru tal-Unjoni Ewropeja **kellhom jaghmlu talba appozita lid-Dipartiment tad-Dwana**. Fil-kaz in ezami, ma rrizultax mill-provi illi l-ufficjali tad-dwana **kellhom suspett ragionevoli** sabiex jaghmlu spezzjoni fil-vettura tar-rikorrent meta dahal Malta minn Sqallija, specjalment meta kienu jafu, **ghaliex gew avvzati minnu stess**, li r-rikorrent kien ser idahhal ammont ta' xorb alkoholiku biex jintuza f'festin privat organizzat minnu ghall-familjarji u hbieb tieghu, u d-Dipartiment tad-Dwana tal-permess esplicitu ghal dan.

Il-Qorti tqis illi l-prattika ta' spezzjonijiet mandatarji mill-ufficcjali tad-Dwana, tmur kontra il-liberta ta' moviment ta' prodotti gewwa l-Unjoni Ewropeja u li ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent huma fondati. Ir-responsabbilita ghal dan pero naturalment ma tistax taqa' fuq l-intimat William Grech personalment, illi kien qieghed biss jsewgi l-prassi li dejjem adatta d-Dipartiment.

Il-Qorti pero tqis illi r-rikorrent ma sofra l-ebda danni kagun ta' din il-prattika u l-agir tad-Dipartiment intimat. L-ewwel net, kif inghad fis-sentenza tal-appell tal-Qorti Ingliza citata mir-rikorrent stess fil-kaz ta' Hoverspeed, il-fatt wahdu li l-ispezzjoni ma tkunx lecita ma jfissirx neccesarjament illi z-zamma tax-xorb sakemm saru l-verifiki necessarji kienet ukoll abbuziva. Fil-fatt fil-kaz ta' Hovercraft il-Qorti tal-Appell Ingliza ma hassitx illi kien hemm "*...any unfairness in the seizure of the goods liable to forfeiture, even though their presence happens only to be discovered in the course of an unlawful check. That may be bad luck, but it is not unfair*." Ghalhekk il-fatt wahdu li l-ispezzjoni kien abuziva ma jfissirx li z-zamma tal-ammont sostanzjali ta' xorb illi instab fuq ir-rikorrent kienet ukoll abbuziva.

Inoltre, ghalkemm ir-rikorrent jghid illi b'konsegwenza ta' dan l-agir u kellu jixtri xorb iehor ghal festin tieghu u ghalhekk jinkorri spejjez inutli, ma tressaq ebda xrara t'evidenza dwar dan. Il-Qorti tqis illi dawn l-ispejjez, jekk verament saru, saru biss fuq ghazla tar-rikorrent illi ma jigborx ix-xorb minghand tad-dwana, li kien gie irilaxxat l-ghada fil-ghodu stess wara li gie mizmum. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-ufficjali tad-Dwana riedu l-ircevuta lura ma kienx essenzjalment abbuziv; ir-rikorrent dejjem setgha jaghmel kopja ta' din l-ircevuta qabel jirrilaxxha, biex ikollu prova dokumentarja ta' dak li kien gara.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa t-tielet eccezzjoni u tillibera lill-intimat William Grech mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent, u tiddikjara illi l-agir tad-Direttur Generali tad-Dwana fiz-zmien meta sehh dan il-kaz kien jikkostitwixxi mizura bi ksur ta' l-Artikolu 28 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea u illi ghalhekk dan l-agir kien abbuziv u illegali, u tichad it-tielet u r-raba talba tar-rikorrenti, u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali tad-Dwana.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**